

32005L0037

L 141/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

4.6.2005

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2005/37/KE

tat-3 ta' Ġunju 2005

**li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE u 90/642/KEE rigward il-livelli massimi ta' xi residwi tal-pestiċidji fi u fuq ċereali u xi prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi frott u ħaxix**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar id-delimitazzjoni tal-livelli massimi ta' residwi tal-pestiċidji fi u fuq ċereali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu;

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar id-delimitazzjoni tal-livelli massimi għal residwi tal-pestiċidji fi u fuq xi prodotti li joriġinaw mill-pjanti inklużi frott u ħaxix <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq is-suq <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f) tiegħu,

Billi:

- (1) Dawn is-sustanzi attivi eżistenti li ġejjin ġew inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE: *maleic hydrazide* bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/31/KE <sup>(4)</sup>; *propyzamide* bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/39/KE <sup>(5)</sup>; u *mecoprop* u *mecoprop-P* bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/70/KE <sup>(6)</sup>.
- (2) Is-sustanzi attivi ġodda *isoxaflutole*, *trifloxystrobin*, *carfentrazone-ethyl* u *fenamidone* ġew inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/68/KE <sup>(7)</sup>.
- (3) L-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi konċernati kienet bażata fuq l-istima ta' l-informazzjoni preżentata rigward l-użu propost. L-informazzjoni dwar dan l-użu ġiet preżentata minn xi Stati Membri skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE. L-informazzjoni disponibbli ġiet riveduta u hija suffiċjenti biex tippermetti li jiġu delimitati ċerti livelli massimi tar-residwi (MRLs).
- (4) Meta ma jeżisti ebda MRL Komunitarju jew MRL proviżorju, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu MRL

nazzjonali proviżorju skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE qabel ma jkunu jistgħu jiġu awtorizzati prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi attivi.

- (5) L-MRLs Komunitarji u l-livelli rakkomandati mill-Kodiċi Alimentarius huma delimitati u evalwati bi proċeduri simili. Hemm numru limitat ta' Kodiċi MRLs għall-maleic hydrazide. Diġà hemm MRLs Komunitarji fid-Direttiva 90/642/KEE għal: *maleic hydrazide*, (Direttiva tal-Kunsill 93/58/KE) <sup>(8)</sup> u fid-Direttivi 86/362/KEE u 90/642/KEE għal: *propyzamide* (Direttivi tal-Kunsill 96/32/KE <sup>(9)</sup> u 96/33/KE <sup>(10)</sup>). Dawn ġew kunsidrati meta l-MRLs in kwistjoni jiġu delimitati bl-addattazzjonijiet li saru b'din id-Direttiva. Kodiċi MRLs li jiġu rakkomandati għall-irtirar fil-futur qrib ma ġew meqjusa. L-MRLs bażati fuq Kodiċi MRLs ġew evalwati fid-dawl tar-riskju għall-konsumatur. L-ebda riskju ma ġie stabbilit meta jintużaw il-punti tossikoloġiċi bażati fuq l-istudju disponibbli għall-Kummissjoni.
- (6) Rigward l-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi in kwistjoni, l-evalwazzjonijiet relatati tekniċi u xjentifiċi ġew finalizzati fil-forma ta' rapporti ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Ir-rapporti ta' l-istima għas-sustanzi msemmija ġew finalizzati fid-dati msemmija fid-Direttivi tal-Kummissjoni ċitati fil-Preamboli (1) u (2). Dawn ir-rapporti iddeterminaw it-Teħid Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI) u jekk meħtieġ, id-Doża Akuta ta' Riferenza (ARfD) għas-sustanzi in kwistjoni. L-esposizzjoni tal-konsumaturi tal-prodotti ta' l-ikel trattat bis-sustanza attiva in kwistjoni ġiet stmata u evalwata skond il-proċeduri tal-Komunità. Ittieħed kont ukoll tal-gwida pubblikata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa <sup>(11)</sup> u l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku għall-Pjanti <sup>(12)</sup> dwar il-metodoloġija użata. Huwa konkluż illi l-MRLs proposti ma jwasslux sabiex daww l-ADIs jew l-ARfD jiġu eċċeduti.

<sup>(8)</sup> ĠU L 211, 23.8.1993, p. 6

<sup>(9)</sup> ĠU L 144, 18.6.1996, p. 12

<sup>(10)</sup> ĠU L 144, 18.6.1996, p. 35

<sup>(11)</sup> Gwida għall-previżjoni tad-dħul mill-ikel ta' residwi tal-pestiċidji (riveduta), preparata mill-GEMS/Programm ta' l-ikel b'kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-Kodiċi fuq ir-Residwi tal-Pestiċidji, pubblikata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa 1997 (WHO/FSF/FOS/97.7)

<sup>(12)</sup> Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti fuq kwistjonijiet relatati ma' l-emenda ta' l-annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE (Opinjoni espressa mill-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, 14 ta' Lulju 1998) ([http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/index\\_en.html](http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/index_en.html))

<sup>(1)</sup> ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/61/KE (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 81)

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/115/KE (ĠU L 374, 22.12.2004, p. 64).

<sup>(3)</sup> ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/34/KE (ĠU L 125, 18.5.2005, p. 5).

<sup>(4)</sup> ĠU L 101, 23.4.2003, p. 3

<sup>(5)</sup> ĠU L 124, 20.5.2003, p. 30

<sup>(6)</sup> ĠU L 184, 23.7.2003, p. 9

<sup>(7)</sup> ĠU L 177, 16.7.2003, p. 12

- (7) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur huwa mħares b'mod xieraq mill-esposizzjoni għar-residwi li jirriżultaw mill-użi mhux awtorizzati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għandhom jiġu delimitati MRLs proviżorji għall-kombinazzjonijiet tal-prodott/pestiċidju rilevanti fil-limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.
- (8) L-istabbiliment fuq livell Komunitarju ta' tali MRLs proviżorji ma jimpedix lill-Istati Membri milli jiddeterminaw MRLs proviżorji għas-sustanzi in kwistjoni skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Anness VI tagħha. Huwa meqjus li perjodu ta' erba' snin huwa biżżejjed sabiex jiġu permessi aktar użi tas-sustanza attiva in kwistjoni. L-MRL proviżorju għandu mbagħad jiġi definittiv.
- (9) Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu miżjuda jew sostitwiti, ir-residwi kollha tal-pestiċidji li jirriżultaw mill-użu ta' dawn il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE u 90/642/KEE biex jiġu permessi sorveljanza u kontroll xierqa tal-projbizzjoni ta' l-użu tagħhom u biex jiġi mħares il-konsumatur. Fejn l-MRLs diġà ġew definiti fl-annessi ta' dawk id-direttivi huwa xieraq li jiġu modifikati. Fejn l-MRLs ma ġewx definiti s'issa, huwa xieraq li jiġu delimitati għall-ewwel darba.
- (10) Id-Direttivi 86/362/KEE u 90/642/KEE għalhekk għandhom jiġu emendati f'dan is-sens.
- (11) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-lkel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

Id-Direttiva 86/362/KEE hija emendata kif ġej:

- a) Fil-Parti A ta' l-Anness II huma miżjuda l-massimi tal-livelli tar-residwi tal-pestiċidji għal *isoxaflutole*, *trifloxystrobin*, *carfentrazone-ethyl*, *mecoprop*, *mecoprop-P*, *maleic hydrazide* u *fenamidone* kif jidher fl-Anness I ta' din id-Direttiva.
- b) Fil-Parti A ta' l-Anness II il-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidji għall-*propyzamide* huma sostitwiti b'dawk kif jidher fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

#### Artikolu 2

Id-Direttiva 90/642/KEE hija emendata kif ġej:

- a) Fl-Anness II huma miżjuda l-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidji għall-*isoxaflutole*, *trifloxystrobin*, *carfentrazone-ethyl*, *mecoprop*, *mecoprop-P* u *fenamidone* kif jidher fl-Anness III ta' din id-Direttiva.
- b) Fl-Anness II il-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidji għall-*propyzamide* u *maleic hydrazide* huma sostitwiti b'dawk kif jidher fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.

#### Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jaddottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard minn [sitt xhur wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea], il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u skeda tal-korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [18-il xahar wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea].

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom riferenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkumpanjati minn tali riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

#### Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

#### Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, nhar it-3 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX I

Livelli massimi mg/kg	
Residwi tal-pestiċidji	Prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs
<i>isoxaflutole</i> (total ta' <i>isoxaflutole</i> , RPA 202248 u RPA 203328, espress bħala <i>isoxaflutole</i> ) <sup>(1)</sup>	0,05 (*) <sup>(P)</sup> ĊEREALI Barli, Qamħ Saraċin, Qamħirrum, Millieġ, Ħafur, Ross, Segala, (Rye), Sorgju, <i>Triticale</i> , Qamħ, Ċereali oħrajn
<i>trifloxystrobin</i>	0,3 <sup>(P)</sup> Barli 0,05 <sup>(P)</sup> Segala 0,05 <sup>(P)</sup> <i>Triticale</i> , Qamħ 0,02 (*) <sup>(P)</sup> Ċereali oħrajn
<i>carfentrazone-ethyl</i> (determinat bħala <i>carfentrazone</i> u espress bħala <i>carfentrazone-ethyl</i> )	0,05 (*) <sup>(P)</sup> ĊEREALI Barli, Qamħ Saraċin, Qamħirrum, Millieġ, Ħafur, Ross, Segala, Sorgju, <i>Triticale</i> , Qamħ, Ċereali oħrajn
<i>fenamidone</i>	0,02 (*) <sup>(P)</sup> ĊEREALI Barli, Qamħ Saraċin, Qamħirrum, Millieġ, Ħafur, Ross, Segala, Sorgju, <i>Triticale</i> , Qamħ, Ċereali oħrajn
<i>mecoprop</i> (total ta' <i>mecoprop-P</i> u <i>mecoprop</i> espressi bħala <i>mecoprop</i> )	0,05 (*) <sup>(P)</sup> ĊEREALI Barli, Qamħ Saraċin, Qamħirrum, Millieġ, Ħafur, Ross, Segala, Sorgju, <i>Triticale</i> , Qamħ, Ċereali oħrajn
<i>Maleic hydrazide</i>	0,2 (*) <sup>(P)</sup> ĊEREALI Barli, Qamħ Saraċin, Qamħirrum, Millieġ, Ħafur, Ross, Segala, Sorgju, <i>Triticale</i> , Qamħ, Ċereali oħrajn

(1) RPA 202248 huwa 2-cyano-3-cyclopropyl-1-(2-methylsulfonyl-4-trifluoromethylphenyl) propane-1,3-dione. RPA 203328 huwa 2-methanesulfonyl-4-trifluoromethylbenzoic acid

(\*) tindika livell aktar baxx ta' determinazzjoni analitika

(P) tindika livell massimu tar-residwi proviżorju skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm mhux emendat, dan il-livell isir definittiv b'effett minn [4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li tintroduċi din l-emenda]

## ANNEX II

Livelli massimi mg/kg	
Residwi tal-pestiċidji	Prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs
propryzamide	0,02 (*) (P) ĊEREALI Barli (xgħir), Qamħ Saraċin, Qamħirrum, Millieġ, Ħafur, Ross, Segala, Sorġju, <i>Triticale</i> , Qamħ, Ċereali oħrajn

(\*) tindika livell aktar baxx ta' determinazzjoni analitika

(P) tindika livell massimu tar-residwi provviżorju skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm mhux emendat, dan il-livell isir definittiv b'effett minn [4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li tintroduċi din l-emenda]

## ANNEX III

Residwi tal-pestiċidji u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs	isoxaflutole (total ta' isoxaflutole, RPA 202248 u RPA 203328, espress bħala isoxaflutole) (ara nota I) (1)	trifloxystrobin	carfentrazone-ethyl (determinat bħala carfentrazone u espress bħala carfentrazone-ethyl)	fenamidone	mecoprop (total ta' mecoprop-P u mecoprop espress bħala mecoprop)
<b>1. Frott, frisk, niexef jew mhux imsajjar, priser-vat bl-iffriżar, li ma fihx zokkor miżjud; ġewż</b>	0,05 (*) (P)		0,01 (*) (P)		0,05 (*) (P)
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU		0,3 (P)		0,02 (*) (P)	
Grejppfrut					
Lumi					
Xkomp					
Mandolin (li jinkludu klementini u ibridi oħrajn)					
Larinġ					
Pomelos					
Oħrajn					
(ii) Ġewż tas-siġar (imqaxxar jew mhux imqaxxar)		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
Lewż					
Ġewż tal-Brażil					
Ġewż tal-kexju					
Qastan					
Ġewż ta' l-Indji					
Ġellewż					
Macadamia					
Ġewż Amerikan					
Ġewż tal-pin					
Pistaċċi					
Ġewż					
Oħrajn					
(iii) FROTT TAL-KARPELLI		0,5 (P)		0,02 (*) (P)	
Tuffieħ					
Lanġas					
Sfarġel					
Oħrajn					
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA				0,02 (*) (P)	
Berquq		1 (P)			
Ċirasa		1 (P)			

## Residwi tal-pestiċidji u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs	isoxaflutole (total ta' isoxaflutole, RPA 202248 u RPA 203328, espress bħala isoxaflutole) (ara nota I) (1)	trifloxystrobin	carfentrazone-ethyl (determinat bħala carfentrazone u espress bħala carfentrazone-ethyl)	fenamidone	mecoprop (total ta' mecoprop-P u mecoprop espress bħala mecoprop)
Ħawħ (li jinkludi nuċiprisk u ibridi simili)		1 (P)			
Għajnbaqar					
Oħrajn		0,02 (*) (P)			
(v) FROTT ŻGĦIR					
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid		5 (P)		0,5 (P)	
Għeneb tal-mejda					
Għeneb ta' l-inbid					
(b) Frawli (ħlief slavaġ)		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
(c) Frott tal-kann (ħlief slavaġ)		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
Tut					
Dewberries					
Għeneb kbir aħmar (loganberries)					
Ċawsli					
Oħrajn					
(d) Frott żgħir ieħor (ħlief salvaġġi)				0,02 (*) (P)	
Mirtill					
Cranberries					
Passolini (ħomor, suwed u bojod)		1 (P)			
Ribes		1 (P)			
Oħrajn		0,02 (*) (P)			
(e) Frott żgħir salvaġġ u frott salvaġġ		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
(vi) MIXXELLANJI				0,02 (*) (P)	
Avokado					
Banana		0,05 (P)			
Tamal					
Tin					
Kiwi					
Kumquats					
Litchis					
Mango					
Żebbuġ					

## Residwi tal-pestiċidji u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs	isoxaflutole (total ta' isoxaflutole, RPA 202248 u RPA 203328, espress bħala isoxaflutole) (ara nota I) (1)	trifloxystrobin	carfentrazone-ethyl (determinat bħala carfentrazone u espress bħala carfentrazone-ethyl)	fenamidone	mecoprop (total ta' mecoprop-P u mecoprop espress bħala mecoprop)
Il-frott tal-fjura tal-Passjoni					
Ananas					
Rummien					
Oħrajn		0,02 (*) (P)			
<b>2. Ħaxix, frisk jew mhux imsajjar, iffriżat jew niexef</b>	0,05 (*) (P)		0,01 (*) (P)		0,05 (*) (P)
(i) ĦAXIX TA' L-GĦERUQ U TAT-TUBERI		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
Pitravi					
Karrotti					
Krafes					
Ravanelli					
Qaqoċċ ta' Ġerusalem					
Zunnarija					
Għeruq tat-tursin					
Ravanelli					
Sassefrika					
Patata ħelwa					
Lift ta' svezja					
Nevev					
Yam					
Oħrajn					
(ii) ĦAXIX BIL-BASLA		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
Tewm					
Basal					
Shallots					
Basal tar-Rebbiegħa					
Oħrajn					
(iii) ĦAXIX LI JAGĦMLU L-FROTT					
(a) Solanaċċja					
Tadam		0,5 (P)		0,5 (P)	
Bżar					
Brunġiel					
Oħrajn		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	

## Residwi tal-pestiċidji u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs	isoxaflutole (total ta' isoxaflutole, RPA 202248 u RPA 203328, espress bħala isoxaflutole) (ara nota I) (1)	trifloxystrobin	carfentrazone-ethyl (determinat bħala carfentrazone u espress bħala carfentrazone-ethyl)	fenamidone	mecoprop (total ta' mecoprop-P u mecoprop espress bħala mecoprop)
(b) Ħaxix tal-qara' - qoxra li tittiekkel		0,2 (P)		0,02 (*) (P)	
Ħjar					
Ħjar żgħir għall-immarinar					
Zukkini					
Oħrajn					
(c) Ħaxix tal-qara' - qoxra li ma tittikilx					
Bettieħ		0,3 (P)		0,1 (P)	
Squashes					
Dulliegħ					
Oħrajn		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
(d) Qamħ ħelu		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
(iv) ĦAXIX TAL-BRASSIKA		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
(a) Brassika li tagħmel il-fjuri					
Brokkoli					
Pastard					
Oħrajn					
(b) Brassika tar-ras					
Brussels sprouts					
Kaboċċa tar-ras					
Oħrajn					
(c) Brassika bil-weraq					
Kaboċċa Ċiniża					
Kale					
Oħrajn					
(d) Kohlrabi					
(v) ĦAXIX TAL-WERAQ U HXEJJEJ AROMATIĊI FRISKI		0,02 (*) (P)			
(a) Ħass u simili				2 (P)	
Krexxun					
Valerjanella					
Ħass					
Scarole					
Oħrajn					



## Residwi tal-pestiċidji u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs	isoxaflutole (total ta' isoxaflutole, RPA 202248 u RPA 203328, espress bħala isoxaflutole) (ara nota I) (1)	trifloxystrobin	carfentrazone-ethyl (determinat bħala carfentrazone u espress bħala carfentrazone-ethyl)	fenamidone	mecoprop (total ta' mecoprop-P u mecoprop espress bħala mecoprop)
(b) Spinaċi u simili				0,02 (*) (P)	
Spinaċi u simili					
Weraq tal-pitravi					
Oħrajn					
(c) Krexxun ta' l-ilma				0,02 (*) (P)	
(d) Witloof				0,02 (*) (P)	
(e) Ħxejjex aromatiċi				0,02 (*) (P)	
Maxxita					
Kurrat salvaġġ					
Parsli					
Weraq tal-karfus					
Oħrajn					
(vi) LEGUMI (frisk)		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
Fażola (bil-miżwed)					
Fażola (mingħajr miżwed)					
Piżelli (bil-miżwed)					
Piżelli (mingħajr miżwed)					
Oħrajn					
(vii) ĦAXIX TAZ-ZKUK (frisk)		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
Spraġ					
Kardun					
Karfus					
Bużbież					
Qaqoċċ globu					
Kurrata					
Rubarbru					
Oħrajn					
(viii) FAQQIEGĦ		0,02 (*) (P)		0,02 (*) (P)	
(a) Faqqiegħ ikkultivat					
(b) Faqqiegħ selvaġġ					
<b>3. MŻIEWED</b>	0,05 (*) (P)	0,02 (*) (P)	0,01 (*) (P)	0,02 (*) (P)	0,05 (*) (P)
Fażola					
Għads					

## Residwi tal-pestiċidji u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs	isoxaflutole (total ta' isoxaflutole, RPA 202248 u RPA 203328, espress bħala isoxaflutole) (ara nota I) (1)	trifloxystrobin	carfentrazone-ethyl (determinat bħala carfentrazone u espress bħala carfentrazone-ethyl)	fenamidone	mecoprop (total ta' mecoprop-P u mecoprop espress bħala mecoprop)
Piżelli					
Oħrajn					
<b>4. ŻERRIEĠHA TAŻ-ŻEJT</b>	<b>0,1 (*) (P)</b>	<b>0,05 (*) (P)</b>	<b>0,02 (*) (P)</b>	<b>0,05 (*) (P)</b>	<b>0,05 (*) (P)</b>
Żerriegħa tal-kittien					
Karawett					
Żerriegħa tal-pepprin					
Ġunġlien					
Żerriegħa tal-ġirasol					
Żerriegħa tal-lift					
Fażola tas-soja					
Żerriegħa tal-mustarda					
Żerriegħa tal-qoton					
Oħrajn					
<b>5. PATATA</b>	<b>0,05 (*) (P)</b>	<b>0,02 (*) (P)</b>	<b>0,01 (*) (P)</b>	<b>0,02 (*) (P)</b>	<b>0,05 (*) (P)</b>
Patata Bikrija					
Ware potatoes					
<b>6. TE' (weraq u zkuk, niexfa, fermentati jew mod ieħor, mill-weraq tal-Camellia sinensis)</b>	<b>0,1 (*) (P)</b>	<b>0,05 (*) (P)</b>	<b>0,02 (*) (P)</b>	<b>0,05 (*) (P)</b>	<b>0,1 (*) (P)</b>
<b>7. HOPS (nexfin), inklużi pilloli tal-hop u trab mhux konċentrat</b>	<b>0,1 (*) (P)</b>	<b>30 (P)</b>	<b>0,02 (*) (P)</b>	<b>0,05 (*) (P)</b>	<b>0,1 (*) (P)</b>

(1) RPA 202248 huwa 2-cyano-3-cyclopropyl-1-(2-methylsulfonyl-4-trifluoromethylphenyl) propane-1,3-dione RPA 203328 huwa 2-methanesulfonyl-4-trifluoromethylbenzoic acid

(\*) tindika livell aktar baxx ta' determinazzjoni analitika

(P) tindika livell massimu tar-residwi proviżorju skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm mhux emendat, dan il-livell isir definittiv b'effett minn [4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li tintroduċi din l-emenda].

## ANNEX IV

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jgħoddu għalhom l-MRLs	propyzamide	maleic hydrazide
<b>1. Frott, frisk, niexef jew mhux imsajjar, priservat bl-iffriżar, li ma fihx zokkor miżjud; ġewż</b>	0,02 (*) (P)	0,2 (*) (P)
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU		
Grepfrut		
Lumi		
Xkomp		
Mandolin (li jinkludu klementini u ibridi oħrajn)		
Larinġ		
Pomelos		
Oħrajn		
(ii) Ġewż tas-siġar (imqaxxar jew mhux imqaxxar)		
Lewż		
Ġewż tal-Brażil		
Ġewż tal-kexju		
Qastan		
Ġewż ta' l-Indji		
Ġellewż		
Macadamia		
Pecans		
Ġewż tal-pin		
Pistaċċi		
Ġewż		
Oħrajn		
(iii) FROTT TAL-KARPELLI		
Tuffieħ		
Lanġas		
Sfarġel		
Oħrajn		
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA		
Apricots		
Ċirasa		
Ħawħ (li jinkludi nuċiprisk u ibridi simili)		
Għajnbaqar		
Oħrajn		
(v) FROTT ŻĠĦIR		
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid		
Għeneb tal-mejda		
Għeneb ta' l-inbid		
(b) Frawli (ħlief slavaġ)		
(c) Frott tal-kann (ħlief slavaġ)		
Tut		
Dewberries		
Għeneb kbir aħmar ( <i>loganberries</i> )		
Ċawsli		
Oħrajn		

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs	propyzamide	maleic hydrazide
(d) Frott żgħir ieħor (ħlief salvaġġi)		
Bilberries		
Cranberries		
Passolini (ħomor, suwed u bojod)		
Ribes		
Oħrajn		
(e) Frott żgħir salvaġġ u frott salvaġġ		
(vi) MIXXELLANJI		
Avokados		
Banana		
Tamal		
Tin		
Kiwi		
Kumquats		
Litchis		
Mango		
Żebbuġ		
Il-frott tal-fjura tal-Passjoni		
Ananas		
Rummien		
Oħrajn		
<b>2. Ħaxix, frisk jew mhux imsajjar, iffriżat jew niexef</b>		
(i) ĦAXIX TA' L-GĦERUQ U TAT-TUBERI	0,02 (*) (P)	0,2 (*) (P)
Pitravi		
Karrotti		
Krafes		
Ravanelli		
Qaqoċċ ta' Ġerusalemm		
Zunnarija		
Għeruoq tat-tursin		
Ravanelli		
Sassefrika		
Patata ħelwa		
Lift ta' svezja		
Neview		
Yam		
Oħrajn		
(ii) ĦAXIX BIL-BASLA	0,02 (*) (P)	
Tewm		15 (P)
Basal		15 (P)
Shallots		15 (P)
Basal tar-Rebbiegħa		
Oħrajn		0,2 (*) (P)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs	propyzamide	maleic hydrazide
(iii) ĦAXIX LI JAGĦMLU L-FROTT	0,02 (*) (P)	0,2 (*) (P)
(a) Solanaċja		
Tadam		
Bżar		
Brunġiel		
Oħrajn		
(b) Ħaxix tal-qara' - qoxra li tittiekkel		
Ħjar		
Ħjar zġħir għall-immarinar		
Zukkini		
Oħrajn		
(c) Ħaxix tal-qara' - qoxra li ma tittikilx		
Bettieħ		
Squashes		
Dulliegħ		
Oħrajn		
(d) Qamħ ħelu		
(iv) ĦAXIX TAL-BRASSIKA	0,02 (*) (P)	0,2 (*) (P)
(a) Brassika li tagħmel il-fjuri		
Brokkoli		
Pastard		
Oħrajn		
(b) Brassika tar-ras		
Brussels sprouts		
Kaboċċa tar-ras		
Oħrajn		
(c) Brassika bil-weraq		
Kaboċċa Ċiniża		
Kale		
Oħrajn		
(d) Kohlrabi		
(v) ĦAXIX TAL-WERAQ U ĦXEJJEX AROMATIĊI U FRISKI		0,2 (*) (P)
(a) Ħass u simili	1 (P)	
Krexxun		
Valerjanella		
Ħass		
Scarole		
Oħrajn		
(b) Spinaċi u simili	0,02 (*) (P)	
Spinaċi u simili		
Weraq tal-pitravi		
Oħrajn		
(c) Krexxun ta' l-ilma	0,02 (*) (P)	
(d) Witloof	0,02 (*) (P)	
(e) Ħxejjex aromatiċi	1 (P)	
Maxxita		
Kurrat salvaġġ		
Parsli		
Weraq tal-karfus		
Oħrajn		

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jgħoddu għalihom l-MRLs	propyzamide	maleic hydrazide
(vi) LEGUMI (frisk)	0,02 (*) (P)	0,2 (*) (P)
Fażola (bil-miżwed)		
Fażola (mingħajr miżwed)		
Piżelli (bil-miżwed)		
Piżelli (mingħajr miżwed)		
Oħrajn		
(vii) ĦAXIX TAZ-ZKUK (frisk)	0,02 (*) (P)	0,2 (*) (P)
Spraġ		
Kardun		
Karfus		
Bużbież		
Qaqoċċ globu		
Kurrata		
Rubarbru		
Oħrajn		
(viii) FAQQIEGĦ	0,02 (*) (P)	0,2 (*) (P)
(a) Faqqiegħ ikkultivat		
(b) Faqqiegħ selvaġġ		
<b>3. Mżiewed</b>	0,02 (*) (P)	0,2 (*) (P)
Fażola		
Għads		
Piżelli		
Oħrajn		
<b>4. ŻERRIEGĦA TAŻ-ŻEJT</b>	0,05 (*) (P)	0,5 (*) (P)
Żerriegħa tal-kittien		
Karawett		
Żerriegħa tal-pepprin		
Ġunġlien		
Żerriegħa tal-ġirasol		
Żerriegħa tal-lift		
Fażola tas-soja		
Żerriegħa tal-mustarda		
Żerriegħa tal-qoton		
Oħrajn		
<b>5. PATATA</b>	0,02 (*) (P)	50 (ara nota <sup>(1)</sup> )
Patata Bikrija		
Ware potatoes		
<b>6. TE' (weraq u zkuk, niexfa, fermentati jew mod ieħor, mill-weraq tal-Camellia sinensis)</b>	0,05 (*) (P)	0,5 (*) (P)
<b>7. HOPS (nexfin), inklużi pilloli tal-hop u trab mhux konċentrat</b>	0,05 (*) (P)	0,5 (*) (P)

(\*) tindika livell aktar baxx ta' determinazzjoni analitika

(P) tindika livell massimu tar-residwi provviżorju skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm mhux emendat, dan il-livell isir definittiv b'effett minn [4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li tintroduċi din l-emenda]

(<sup>1</sup>) MRL tal-patata soġġetta għal revizzjoni ta' rekwiżiti pendenti tad-data 18-il xahar mid-data ta' l-applikazzjoni